MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 456/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs**

**Boris Arcidiacono Limited**
**(C – 16463)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat id-9 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu l-Bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi pprova jinnotifika lis-socjeta` ntimata bl-ittra ufficcjali hemm indikata bin-numru 8/2012;
2. Illi mir-riferta ritornata *in atti* gie ndikat li " … Boris Arcidiacono … ma accettax id-dokument" in dizamina;

3. Illi fuq l-iskorta tal-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta` rikorrenti qed titlob li tali rifjut indikat fil-paragrafu precedenti jigi kkonsidrat daqs li kieku in-notifika giet regolarment effettwata kif hemm stabbilit;

4. Illi ghaldaqstant l-istess socjeta` rikorrenti titlob lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara li n-notifika saret lil Boris Arcidiacono fil-jum u l-hin tar-rifjut;

ii. Bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fid-data hemm indikata;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata l-4 ta’ Gunju, 2012, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata saret taf b’dawn il-proceduri u nonostante li mhux debitament notifikata qed taghti ruhha b’notifikata bir-rikors promotur;

2. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex:

i. L-istess socjeta` ntimata kienet gia` ntavolat ittra ufficcjali kontra s-socjeta` rikorrenti in risposta ghall-ittra ufficcjali mertu tar-rikors odjern;

ii. Illi ghalhekk bl-istess risposta s-socjeta` ntimata kienet tat ruhha b’notifikata fl-istess ittra tat-3 ta’ Jannar, 2012;

iii. Illi l-istess ittra responsiva de quo kienet giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti fis-7 ta’ Mejju, 2012;

3. Illi stante li r-rikors odjern gie ntavolat fid-9 ta’ Mejju, 2012, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet gia` giet notifikata u allura, konxja li s-socjeta` ntimata kienet wiegbet ghall-ittra ufficcjali bin-numru 8/2012 meritu tal-procedura odjerna;

4. Illi di piu`, is-socjeta` rikorrenti hi konxja li l-indirizz minnha utilizzat ghan-notifika mhux l-indirizz tas-socjeta` ntimata;

5. Illi bl-agir skonsiderat taghha, s-socjeta` rikorrenti qed tipprecipita volutament il-falliment tas-socjeta` ntimata;

6. Illi l-procedura odjerna ntavolata mis-socjeta` rikorrenti hi biss ritaljazzjoni ghall-proceduri ntavolati kontriha;

7. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat l-affidavit prodott;

Semghet ix-xhud prodott;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi cirkoskritta ghall-kap tal-ispejjez involut stante li l-meritu veru u proprju nvolut gie debitament superat;

Illi ghalhekk sintesi fattwali tal-akkadut hu rez necessarju u dan jista’ jigi espost bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti ntavolat l-ittra ufficcjali bin-numru 8/2012 fit-3 ta’ Jannar, 2012;

2. Illi l-imsemmija ittra ufficcjali hi ndirizzata lis-socjeta` Boris Arcidiacono Limited, izda l-indirizz moghti ghall-istess socjeta` ntimata hu dak ta’ 1, St. Anthony Street, Msida li ma jappartjenix lilha izda lil Boris Arcidiacono biss;

3. Illi meta l-ufficcjal esekutant mar fl-indirizz hekk lilu ndikat allura sab lill-imsemmi Boris Arcidiacono li rrifjuta jiehu pussess tal-istess ittra ufficcjali stante li din ma kinitx indirizzata lilu izda lis-socjeta` ntimata li ggib ismu – liema socjeta` ghandha personalita` guridika separata u distinta minnu;

4. Illi nonostante s-suespost, l-istess socjeta` ntimata kienet xorta wahda tat ruhha b’notifikata bl-ittra ufficcjali meritu tal-procedura odjerna u dan, b’ittra ufficcjali responsiva datata t-30 t’April, 2012, u notifikata lis-socjeta` rikorrenti fis-7 ta’ Mejju, 2012;

5. Illi tali notifika ndikata fil-paragrafu precedenti ghalhekk tirrizulta li saret abbundantement jumejn (2) qabel ma giet intavolata l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna tirrizulta ghal kollox superfluwa stante li l-iskop li ghalih gie ntavolat ir-rikors promotur odjern kien gia` ntlahaq u allura l-azzjoni odjerna tirrizulta inutili u superata;

Illi ghaldaqstant, l-istess rikors promotur ma seta’ qatt jaffettwa r-relazzjoni bejn il-kontendenti;

Illi di piu`, jirrizulta li l-uniku effett li l-imsemmi rikors seta’ jilhaq hu biss li jesaspera lis-socjeta` ntimata u lill-istess Boris Arcidiacono inutilment u jinducihom fi spejjez ulterjuri ghal xejn;

Ghaldaqstant filwaqt li tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi superata u effettivament inutili ghar-ragunijiet fuq gia` espressi, takkolji r-risposta tas-socjeta` ntimata, tirrespingi

t-talba tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------